Temmen fit-tieni ċans meta tidhol l-edukazzjoni?

Iltqajt ma' diversi nies li jiddikjarawni bħala student ħabrieki meta nispjegalhom li qed niprepara biex napplika għal dottorat fl-Universita ta' Malta bi tlett degrees f'idejja, li ksibt mil-istess Universita matul dawn l-aħħar għaxar snin mingħajr waqfien.

Iżda ftit jafu li għaxar snin ilu, kont applikajt għal Higher Secondary bi tlett O-Levels biss. Sa' minn meta kont zgħir, minkejja li missieri kien ta' sapport kbir, qatt ma fhimt għaliex l-iskola hija mportanti ħafna, u barra minn hekk, ma kellix l-iċken ideja fuq x'ħa naqbad nagħmel fil-futur tiegħi, speċjalment fejn tidħol il-karriera. Ma tantx kont student brillanti lanqas, għaliex fost ostakli oħra, l-O-Level tal-inġliż domt ħames darbiet biex ġibtu grade 5. Iżda minn dak inhar li mort napplika, skoprejt verzjoni tieghi innifsi li waslitni fejn qieghed illum.

Dan kollu beda għaliex din l-iskola, bħal kif tispjega fil-motto tagħha stess, ircevejt a "Second Chance" f'ħajjti. Għalmitni d-differenza bejn xi tfisser il-kelma 'skola' u dik 'edukazzjoni'. Mindu skoprejt id-differenza u irealizzajt li jien ma kontx inħobb l-iskola bhala struttura, iżda kont inħobb ħafna l-edukazzjoni, ħajjti inbidlet kompletament. Għamilt wegħda miegħi nnifsi li nibqa' nitagħllem sal-mewt. L-edukazzjoni daħlet f'qalbi u sirt inħoss sodisfazzjoni kbir meta nattendi għaċ-ċerimonji tal-gradwazzjoni. Illum il-ġurnata, kull pass li nagħmel il-quddiem, inħares waħda lura u ngħid grazzi kbira lil dawn li kienu ta' sapport f'hajjti, speċjalment il-familja tiegħi.

Iżda kif dejjem jgħidu, bla flus la taghnnaq u lanqas tbus. L-ahhar pass li għamilt fil-kisba tiegħi fil-Master in Lifelong Career Guidance & Development, kien grazzi kbira tal-borża ta' studju li rċevejt mil-Endeavour B mil-Ministeru tal Edukazzjoni. Fejn finanzjarjament kienu ta' għajnuna kbira u inċentiv biex nerġa nibda nistudja. Mir-ricerka li ghamilt, skoprejt li l-istudenti jkollok bżonn ħafna għajnuna fejn tidħol sens ta' gwida għas-suġġetti li jiġu biex jagħżlu, speċjalment fejn jiskopru iżjed lilom infusom fuq verament x'iħobbu jagħmlu.

"The research work disclosed in this publication is fully funded by the ENDEAVOUR Scholarship Scheme - Group B – National Funds."

Roberto Saliba